MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**ONOR. IMHALLEF**
**NOEL CUSCHIERI**

Seduta tat-28 ta' Ottubru, 2008

Citazzjoni Numru. 76/2006

**A B**
**vs**
**C Dsive E gja B**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors guramentat li permezz tieghu l-attur ippremetta u talab hekk:

1. Illi l-partijiet izzewgu f’ Malta fil-31 ta’ Ottubru 1981, u minn din l-ghaqda twieled tifel, FB, li llum huwa maggiorenni.

2. Illi l-intimata tat il-kunsens taghha ghall-kuntratt taz-zwieg bl-eskluzjoni pozittiva taz-zwieg innifsu, jew ta’ xi wiehed jew aktar mill-elementi essenzjali, jew ohrajn tal-hajja mizzewga, jew tad-dritt ghall-att taz-zwieg, izda ghamlet dan bi skop unikament qarrieqi, u dan kif ser jirrizulta waqt it-trattazzjoni tal-kawza.

3. Illi l-kunsens tal-intimata ghal dan iz-zwieg kien vizzjat b' difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju fuq il-hajja mizzewga taghha u/ jew b' anomalija psikologika serja li jaghmilha impossibli ghall-intimata li taqdi l-obbligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg u dan kif ser jirrizulta waqt it-trattazzjoni tal-kawza.

Ghaldaqstant, l-esponenti umilment jitlob lil din l-Onorabbli Qorti joghgobha:

Tiddeciedi u tiddikjara ghar-ragunijiet premessi li z-zwieg bejn il-partijiet huwa null u bla effett ghall-finijiet u effetti kollha tal-Ligi.

Bl-ispejjez kontra l-intimata ngunta ghas-subizzjoni.

Rat li l-konvenuta debitament notifikata ghazlet li tibqa' kontumaci;

Rat l-atti kollha tal-kawza, inkluzi l-affidavits tal-partijiet;

Semghet il-provi bil-gurament;

Ikkunsidrat;

**Azzjoni**
Illi permezz ta' l-azzjoni odjerna l-attur qed jitlob minn din il-Qorti dikjarazzjoni gudizzjali fis-sens li z-zwieg tieghu kuntrattat mal-konvenuta fil-31 ta' Ottubru 1981 huwa null fil-ligi, stante li l-kunsens matrimonjali taghha kien vizzjat fit-termini tal-paragrafi [d] u [f] ta' l-artikolu 19[1] tal-Ligijiet ta' Malta.

**Kwadru tal-fatti**
Illi l-Qorti semghet liz-zewg partijiet jiddeponu.

Illi mill-provi jirrizulta li l-partijiet kienu zzewwgu fil-31 ta' Ottubru 1981 wara li kienu ghamlu ftit taz-zmien johorgu flimkien. Sussegwentement fit-2 ta' Novembru 1982[1]

[1] Att tat-twelid – fol.42

twieled tifel. Wara konvivenza matrimonjali twila l-partijiet isseparaw; u llum il-konvenuta ghandha tifla barra z-zwieg, filwaqt li l-attur ghandu relazzjoni ma' persuna ohra.

Illi l-attur jghid li huwa kien ippressat biex jidhol ghaz-zwieg, kemm minn naha tal-konvenuta kif ukoll minn naha tal-familjari taghha. Jghid li "dhalt ghaz-zwieg biex inkompli maghha, izjed milli ghax verament kelli dik ix-xewqa."[2] u "jien fil-fatt cedejt ghal din il-pressjoni minghajr ma qaghadt inqis il-konsegwenzi ta' wara."[3]

Rigward il-hajja matrimonjali jghid li l-inkwiet bejniethom kien inqala' mill-ewwel peress li l-konvenuta kienet tghir ghalih, u dan peress li okkazzjonalment hu kien johrog ghal rasu "ghax ma kont inkun irrid ir-rabta ta' mara mieghi l-hin kollu."[4]

Huwa jghid li wara z-zwieg kien joqghod attent fl-att sesswali sabiex ma jgibx tfal izjed fid-dinja, stante li l-hajja konjugali taghhom kienet karatterizzata bi glied kontinwu, u separazzjonijiet okkazzjonali. Jghid li martu kienet tixrob id-dar bil-mohbi, u kienu jiggieldu l-hin kollu, tant li kien jdum fuq ix-xoghol appozitament biex "nevita li mmur lejn id-dar." Jghid: "kont nahdem hinijet twal hafna, sabiex nevita kemm jista' jkun li niltaqa' maghha." [5]

Eventwalment, wara s-separazzjoni kien sar jaf martu kienet diga' tqila minn ragel iehor.

Illi minn naha taghha l-konvenuta tispjega li hija kienet inqabdet tqila qabel iz-zwieg, u meta l-genituri saru jafu li hija kienet tqila qabel iz-zwieg, huma kienu ippressawha sabiex tizzewweg. Tghid "riduna nizzewwgu … kont ghadni mohh ir-rih dak iz-zmien, mhux li nghid ser nizzewweg, izzewwigna ta' bilfors."[6]

---

[3] Fol.18
[4] Fol.19
[5] Ibid.
[6] Fol.24

Il-konvenuta tikkonferma li matul il-konvivenza matrimonjali huma kienu jiggieldu ta’ spiss u fuq kollox. Hija tghid illi li kieku mhux minhabba t-tqala hija ma kienitx tizzewweg lill-attur.

**Konsiderazzjonijiet tal-Qorti**

Illi fl-ewwel lok jigi osservat li l-kredibilita’ tal-konvenuta hija mtappna mill-fatt li, kif jirrizulta minn prova dokumentali, it-tifel tal-partijiet twieled sena wara z-zwieg, u ghalhekk il-verzjoni taghha li meta zzewwget hija kellha erba’ xhur tqala tinsab zmentita minn dan il-fatt.

Illi f’ dan il-kaz il-Qorti tirravviza l-caput nullitatis kontemplat fl-ewwel parti tal-paragrafu [d] ta’ l-artikolu 19[1] tal-Kap.255 tal-Ligijiet ta’ Malta, u dan fil-konfront tal-konvenuta, kif ukoll ta’ l-attur.

Illi mill-provi jirrizulta li l-komportament tal-konvenuta wara z-zwieg, u li kien il-fonti principali tal-inkwiet kontinwu fil-hajja konjugali tal-partijiet, huwa evidenza tal-fatt li fil-mument tal-ghoti tal-kunsens matrimonjali hija kienet affetta minn difett serju ta’ diskrezzjoni ta’ gudizzju fuq l-obbligazzjonijiet essenzjali ghal hajja mizzewwga, senjatament l-obbligu tal-konvivenza reciproka diretta lejn il-benessere reciproku, il-prokreazzjoni ta’ l-ulied u t-trobbija taghhom. Jirrizulta li l-konvenuta kienet tghir hafna ghall-attur b’ mod li kien jinqala’ hafna nkwiet bejniethom; inoltre, wara t-twelid tat-tifel kienet riedet tmur tahdem akkost ta’ kollox, bir-rizultat li t-tifel kien izjed ikun ghandh in-nanna milli maghha. Eventwalment kienet bdiet tabbuza mill-alkolhol bir-rizultat li l-inkwiet matrimonjali aggrava ruhhu b’ tal-mod li l-attur kien spicca biex kien jahdem tlett jobs f’ daqqa biex jevita li jmur lejn id-dar. Sussegwentement, matul il-‘konvivenza’ matrimonjali hija harget tqila minn ragel iehor.

Illi min naha tieghu l-attur wera’ li meta accetta li jizzewweg lill-konvenuta huwa ma kienx gharaf u apprezza bizzejjed l-import tal-hajja konjugali mal-konvenuta. Huwa jammetti li meta “ceda ghall-pressjoni” li kienet saritlu “ma qaghadtx inqis il-konsegwenzi ta’ wara.” Dan verament jaghti konfort lill-konkluzjoni ta’ din

il-Qorti li anke hu kien affett minn difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju fuq l-obbligi tal-hajja konjugali; u ghalhekk mhijiex sorpriza ghal din il-Qorti dak li qal, u cioe' li waqt iz-zwieg kien ikun irid johrog ghal rasu "ghax ma kontx inkun irrid ir-rabta ta' mara mieghi l-hin kollu." Bahallikieku z-zwieg mhux rabta b' obbligi serji u impenjattivi !

Dan premess u kkunsidrat il-Qorti hija tal-fehema li t-talba attrici hija gustifikata fil-fatt u fid-dritt u timmerita li tigi milqugha, fit-termini ta' l-artikolu 19[1][d] tal-Kap.255.

**Decide**

Ghal dawn il-motivi tiddecidi billi tilqa' t-talba attrici u tiddikjara null u bla effett fil-ligi z-zwieg kuntrattat bejn il-partijiet fil-31 ta' Ottubru 1981.

L-ispejjez jibqghu bla taxxa..

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------